# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 231

Edizzjoni bil-Malti — Informazzjoni u Avviżi — Volum 63 — 14 ta' Lulju 2020

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2020/C 231/01 Rata tal-kambju tal-euro — It-13 ta' Lulju 2020 ........ 1

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2020/C 231/02 Aġġornament tal-lista tal-punti ta' qsim tal-fruntiera msemmija fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament(UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (kodifikazzjoni) ........ 2

V *Avviżi*

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2020/C 231/03 Pubblikazzjoni tad-dokument uniku emendat wara l-approvazzjoni ta' emenda minuri skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ........ 7

MT

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** [1]

**It-13 ta' Lulju 2020**

(2020/C 231/01)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,1329 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5366 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 121,40 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 8,7809 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4448 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7226 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,89938 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5743 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,3833 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 361,37 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,0685 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 18,9726 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 159,40 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,9309 |
| NOK | Krona Norveġiża | 10,6650 | HRK | Kuna Kroata | 7,5340 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 16 342,08 |
| CZK | Krona Ċeka | 26,648 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,8306 |
| HUF | Forint Ungeriż | 353,83 | PHP | Peso Filippin | 55,998 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,4758 | RUB | Rouble Russu | 80,1470 |
| RON | Leu Rumen | 4,8443 | THB | Baht Tajlandiż | 35,562 |
| TRY | Lira Turka | 7,7824 | BRL | Real Brażiljan | 6,0494 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,6248 | MXN | Peso Messikan | 25,4857 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 85,2160 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Aġġornament tal-lista tal-punti ta' qsim tal-fruntiera msemmija fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament(UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (kodifikazzjoni) [1]

(2020/C 231/02)

Il-pubblikazzjoni tal-lista tal-punti ta' qsim tal-fruntiera msemmija fl-Artikolu 2(8) tar- Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) [2] hija bbażata fuq l-informazzjoni li jagħtu l-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 39 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (kodifikazzjoni).

Minbarra l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, huwa disponibbli aġġornament perjodiku fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni.

FRANZA

*Sostituzzjoni tal-informazzjoni ppubblikata fil-ĠU C 64, 27.2.2020, p. 17.*

**LISTA TAL-PUNTI TA' QSIM TAL-FRUNTIERA**

***Fruntieri tal-ajru***

(1) Ajaccio-Napoléon-Bonaparte

(2) Albert-Bray

(3) Angers-Marcé

(4) Angoulême-Brie-Champniers

(5) Annecy-Methet

(6) Auxerre-Branches

(7) Avignon-Caumont

(8) Bâle-Mulhouse

(9) Bastia-Poretta

(10) Beauvais-Tillé

(11) Bergerac-Dordonge-Périgord

(12) Béziers-Vias

(13) Biarritz-Pays Basque

(14) Bordeaux-Mérignac

(15) Brest-Bretagne

(16) Brive-Souillac

(17) Caen-Carpiquet

(18) Calais-Dunkerque

(19) Calvi-Sainte-Catherine

(20) Cannes-Mandelieu

[1] Ara l-lista ta' pubblikazzjonijiet preċedenti fl-aħħar parti ta' dan l-aġġornament.

[2] ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.

(21) Carcassonne-Salvaza

(22) Châlons-Vatry

(23) Chambéry-Aix-les-Bains

(24) Châteauroux-Déols

(25) Cherbourg-Mauperthus

(26) Clermont-Ferrand-Auvergne

(27) Colmar-Houssen

(28) Deauville-Normandie

(29) Dijon-Longvic

(30) Dinard-Pleurtuit-Saint-Malo

(31) Dôle-Tavaux

(32) Epinal-Mirecourt

(33) Figari-Sud Corse

(34) Grenoble-Alpes-Isère

(35) Hyères-le Palivestre

(36) Paris-Issy-les-Moulineaux

(37) La Môle-Saint-Tropez (mill-1 ta' Lulju sal-15 ta' Ottubru 2020)

(38) La Rochelle-Ile de Ré

(39) La Roche-sur-Yon

(40) Laval-Entrammes

(41) Le Havre-Octeville

(42) Le Mans-Arnage

(43) Le Touquet-Côte d'Opale

(44) Lille-Lesquin

(45) Limoges-Bellegarde

(46) Lorient-Lann-Bihoué

(47) Lyon-Bron

(48) Lyon-Saint-Exupéry

(49) Marseille-Provence

(50) Metz-Nancy-Lorraine

(51) Monaco-Héliport

(52) Montpellier-Méditérranée

(53) Nantes-Atlantique

(54) Nice-Côte d'Azur

(55) Nîmes-Garons

(56) Orléans-Bricy

(57) Orléans-Saint-Denis-de-l'Hôtel

(58) Paris-Charles de Gaulle

(59) Paris-le Bourget

(60) Paris-Orly

(61) Pau-Pyrénées

(62) Perpignan-Rivesaltes

(63) Poitiers-Biard

(64) Quimper-Pluguffan (miftuħ mill-bidu ta' Mejju sal-bidu ta' Settembru)

(65) Rennes Saint-Jacques

(66) Rodez-Aveyron

(67) Rouen-Vallée de Seine

(68) Saint-Brieuc-Armor

(69) Saint-Etienne Loire

(70) Saint-Nazaire-Montoir

(71) Strasbourg-Entzheim

(72) Tarbes-Lourdes-Pyrénées

(73) Toulouse-Blagnac

(74) Toulouse-Francazal

(75) Tours-Val de Loire

(76) Troyes-Barberey

***Fruntieri tal-baħar***

(1) Ajaccio

(2) Bastia

(3) Bayonne

(4) Bordeaux

(5) Boulogne

(6) Brest

(7) Caen-Ouistreham

(8) Calais

(9) Cannes-Vieux Port

(10) Carteret

(11) Cherbourg

(12) Dieppe

(13) Douvres

(14) Dunkerque

(15) Granville

(16) Honfleur

(17) La Rochelle-La Pallice

(18) Le Havre

(19) Les Sables-d’Olonne-Port

(20) Lorient

(21) Marseille

(22) Monaco-Port de la Condamine

(23) Nantes-Saint-Nazaire

(24) Nice

(25) Port-de-Bouc-Fos/Port-Saint-Louis

(26) Port-la-Nouvelle

(27) Port-Vendres

(28) Roscoff

(29) Rouen

(30) Saint-Brieuc

(31) Saint-Malo

(32) Sète

(33) Toulon

***Fruntieri tal-art***

(1) Stazzjon ferrovjarju ta’ Bourg Saint Maurice (miftuħ mill-bidu ta’ Diċembru sa nofs April)

(2) Stazzjon ferrovjarju ta’ Moûtiers (miftuħ mill-bidu ta’ Diċembru sa nofs April)

(3) Stazzjon ferrovjarju ta’ Ashford International

(4) Stazzjon ferrovjarju ta’ Avignon-Centre

(5) Cheriton/Coquelles

(6) Stazzjon ferrovjarju ta’ Chessy-Marne-la-Vallée

(7) Stazzjon ferrovjarju ta’ Fréthun

(8) Stazzjon ferrovjarju ta’ Lille-Europe

(9) Stazzjon ferrovjarju ta’ Paris-Nord

(10) Stazzjon ferrovjarju ta’ Saint-Pancras

(11) Stazzjon ferrovjarju ta’ Ebsfleet

(12) Pas de la Case-Porta

**Lista ta' pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 316, 28.12.2007, p. 1
ĠU C 134, 31.5.2008, p. 16
ĠU C 177, 12.7.2008, p. 9
ĠU C 200, 6.8.2008, p. 10
ĠU C 331, 31.12.2008, p. 13
ĠU C 3, 8.1.2009, p. 10
ĠU C 37, 14.2.2009, p. 10
ĠU C 64, 19.3.2009, p. 20
ĠU C 99, 30.4.2009, p. 7
ĠU C 229, 23.9.2009, p. 28
ĠU C 263, 5.11.2009, p. 22
ĠU C 298, 8.12.2009, p. 17
ĠU C 74, 24.3.2010, p. 13
ĠU C 326, 3.12.2010, p. 17
ĠU C 355, 29.12.2010, p. 34
ĠU C 22, 22.1.2011, p. 22
ĠU C 37, 5.2.2011, p. 12
ĠU C 149, 20.5.2011, p. 8
ĠU C 190, 30.6.2011, p. 17
ĠU C 203, 9.7.2011, p. 14
ĠU C 210, 16.7.2011, p. 30
ĠU C 271, 14.9.2011, p. 18
ĠU C 356, 6.12.2011, p. 12
ĠU C 111, 18.4.2012, p. 3
ĠU C 183, 23.6.2012, p. 7
ĠU C 313, 17.10.2012, p. 11
ĠU C 394, 20.12.2012, p. 22
ĠU C 51, 22.2.2013, p. 9
ĠU C 167, 13.6.2013, p. 9
ĠU C 242, 23.8.2013, p. 2
ĠU C 275, 24.9.2013, p. 7
ĠU C 314, 29.10.2013, p. 5
ĠU C 324, 9.11.2013, p. 6
ĠU C 57, 28.2.2014, p. 4
ĠU C 167, 4.6.2014, p. 9
ĠU C 244, 26.7.2014, p. 22
ĠU C 332, 24.9.2014, p. 12
ĠU C 420, 22.11.2014, p. 9
ĠU C 72, 28.2.2015, p. 17
ĠU C 126, 18.4.2015, p. 10
ĠU C 229, 14.7.2015, p. 5
ĠU C 341, 16.10.2015, p. 19
ĠU C 84, 4.3.2016, p. 2
ĠU C 236, 30.6.2016, p. 6
ĠU C 278, 30.7.2016, p. 47
ĠU C 331, 9.9.2016, p. 2.
ĠU C 401, 29.10.2016, p. 4
ĠU C 484, 24.12.2016, p. 30
ĠU C 32, 1.2.2017, p. 4
ĠU C 74, 10.3.2017, p. 9
ĠU C 120, 13.4.2017, p. 17
ĠU C 152, 16.5.2017, p. 5
ĠU C 411, 2.12.2017, p. 10
ĠU C 31, 27.1.2018, p. 12
ĠU C 261, 25.7.2018, p. 6
ĠU C 264, 26.7.2018, p. 8
ĠU C 368, 11.10.2018, p. 4
ĠU C 459, 20.12.2018, p. 40
ĠU C 43, 4.2.2019, p. 2
ĠU C 64, 27.2.2020, p. 17

V

*(Avviżi)*

ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni tad-dokument uniku emendat wara l-approvazzjoni ta' emenda minuri skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012**

(2020/C 231/03)

Il-Kummissjoni Ewropea approvat din l-emenda minuri f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 ([1]).

L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' din l-emenda minuri tista' tiġi kkonsultata fil-bażi tad-*data e*-Ambrosia tal-Kummissjoni.

DOKUMENT UNIKU

**"Radicchio di Chioggia"**

**Nru tal-UE: PGI-IT-0484-AM01 — 5.12.2019**

**DOP () IĠP (X)**

1. **Isem/Ismijiet**

"Radicchio di Chioggia"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

L-Italja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.6: Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*

L-IĠP "Radicchio di Chioggia" hija assenjata għall-produzzjoni miksuba minn pjanti li jappartjenu għall-familja Asteracee, il-ġeneru *Cichorium*, l-ispeċi *inthybus*, il-varjetà Silvestre. Hemm żewġ tipi ta' "Radicchio di Chioggia": "*prekoċi*" u "*tardiv*".

Il-pjanta għandha weraq fit-tond, imdaffrin sfiq f'xulxin sew, li jiffurmaw ras sferika (imsejħa grumolo bit-Taljan): il-weraq, ta' lewn ħamrani ftit jew wisq skur, għandhom il-vini tan-nofs bojod.

Il-karatteristiċi distinti taż-żewġ tipi huma kif ġej:

— għat-tip *prekoċi*, bir-ras magħluqa, li jiżen bejn 200 u 600 gramma, b'weraq ta' lewn karatteristiku tal-krimżi jagħti fl-amarant, ta' konsistenza li tqarmeċ u b'togħma ħelwa jew kemxejn morra;

— għat-tip *tardiv*, b'ras kompatta ħafna, li jiżen bejn 200 u 600 gramma, b'weraq ta' lewn l-amarant intens, ta' konsistenza li tqarmeċ kemxejn u b'togħma morra.

([1]) ĠU L 179, 19.6.2014, p. 17.

Ir-"Radicchio di Chioggia" jinbiegħ bl-għerq (iz-zokk) maqtugħ b'mod definit, taħt il-livell tal-għonq.

L-irjus iridu jkunu sħaħ, baxxi, jidhru li huma friski, mingħajr parassiti jew ħsara kkaġunata minnhom jew minħabba umdità żejda, anki jekk dan ifisser li jrid isir it-tirqim.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

3.4. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

L-operazzjonijiet kollha ta' kultivazzjoni u ħsad għandhom jitwettqu fiż-żona ġeografika ddefinita.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.*

Sabiex jiġi rilaxxat għall-konsum, ir-radicchio li jkollu l-isem "Radicchio di Chioggia IGP" għandu jiġi ppakkjat f'kontenituri b'karatteristiċi li jippermettu l-konservazzjoni tajba tal-prodott. Fil-każ ta' prodotti maħsuba għall-industrija tal-ipproċessar, dan jista' jitqiegħed ukoll fis-suq f'kontenituri adattati (bins).

Fuq kull kontenitur jista' jitqiegħed għatu li jista' jissiġilla b'tali mod li l-kontenut ma jkunx jista' jitbagħbas; alternattivament, kull pakkett għandu madankollu jkollu sistema ta' traċċabbiltà tal-piż ibbażata fuq in-numru tal-lott.

Wara li jkunu saru l-operazzjonijiet ta' tirqim fuq il-post, ir-"Radicchio di Chioggia" jista' jiġi ppakkjat wara li jkun ġie ppreparat bħala prodott lest għall-konsum. Dawn l-operazzjonijiet ta' ppakkjar jistgħu jitwettqu f'ċentri tal-ipproċessar li jinsabu wkoll barra miż-żona ta' produzzjoni definita fil-punt 4.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

Il-logo juri tarka bix-xfar mibruma, bi sfond abjad, bordura safra, xifer kannella u profil iswed, u bi ljun ta' lewn ħamrani ta' stil medjevali u madwaru l-kliem, b'ittri ħomor kbar *RADICCHIO DI CHIOGGIA I.G.P.*

Tipa: *Garamond*.

Daqs tat-tipa: massimu 50 — minimu 10.

Dijametru taċ-ċirku: massimu 15 — minimu 3.

Kulur tal-logo:

Aħmar = Maġenta 95 % — Isfar 80 %

Isfar = Maġenta 7 % — Isfar 85 %

Kannella = Cyan 12 % — Maġenta 60 % — Isfar 95 %

Iswed = 0 black 100 %

Ladarba l-logo "Radicchio di Chioggia I.G.P." jitwaħħal mal-kontenituri, ma jistax jerġa' jintuża.

Barra minn dan, fuq l-istess kontenituri, għandu jkun hemm dawn l-elementi:

— isem jew isem il-kumpanija u l-indirizz jew is-sede tal-produttur uniku jew tas-sieħeb u ta' dak responsabbli mill-ippakkjar,

— il-piż nett kif mibjugħ u l-kategorija,

— kif ukoll tagħrif addizzjonali, bil-kundizzjoni li dan ma jkollux skop ta' tifħir u ma jqarraqx bil-konsumatur dwar in-natura u l-karatteristiċi tal-prodott.

Kwalunkwe kliem ieħor użat ħlief *Radicchio di Chioggia* jrid ikun b'ittri ta' daqs ferm iżgħar minn dawk użati għall-indikazzjoni ġeografika msemmija.

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Iż-żona tal-produzzjoni tar-"Radicchio di Chioggia", tat-tip "tardiv", tinkludi t-territorju kollu tal-muniċipalitajiet ta' Chioggia, Cona u Cavarzere, fil-provinċja ta' Venezia, ta' Codevigo u Correzzola, fil-provinċja ta' Padova, u ta' Rosolina, Ariano Polesine, Taglio di Po, Porto Viro u Loreo fil-provinċja ta' Rovigo; filwaqt li t-tip "prekoċi" huwa prodott biss fil-muniċipalitajiet ta' Chioggia u Rosalina, fejn il-kundizzjonijiet partikolari pedoklimatiċi jippermettu l-iżvilupp tal-karatteristiċi marbuta ma' dan it-tip.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Iż-żona madwar il-laguna hija kkaratterizzata minn żewġ elementi: firxa ta' temperatura baxxa, kemm matul il-jum kif ukoll bejn ġurnata u oħra, u l-preżenza ta' żiffiet u rjieħ dominanti, il- "bore" tipiċi tal-Adrijatiku li jikkontribwixxu għat-taħlit tal-istrati atmosferiċi l-aktar baxxi, u b'hekk jiġu evitati l-firxiet ta' umdità li jinfluwenzaw negattivament l-istat fitosanitarju tal-kultivazzjoni.

Il-ħamrija taflija maħlula tiffavorixxi l-kultivazzjoni tat-tip "tardiv" li meta tkun soġġetta għal temperaturi għoljin wisq ma tkunx tista' tipproduċi r-ras magħquda, fil-forma tradizzjonali ta' globu, u twassal għal fjoritura bikrija wisq.

Min-naħa l-oħra, it-tip "prekoċi" huwa possibbli biss fil-muniċipalitajiet kostali ta' Chioggia u Rosolina, bis-saħħa ta' taħlita ta' ċirkostanzi li jikkonsistu fl-użu ta' ħamrija ramlija, f'viċinanza għall-baħar li tagħti lok għal differenzi fit-temperatura meta mqabbla mal-parti interna, f'ventilazzjoni akbar u fl-użu tal-ilma għat-tisqija li ġej minn ilma tal-pjan li jinsab qrib ferm tal-wiċċ, li jinġabar permezz ta' toqob li jitħaffru apposta, magħrufa lokalment bħala "buse".

Il-ħamrija ramlija u l-klima tal-firxa kostali tal-muniċipalitajiet ta' Chioggia u Rosalina, jidhru li joħolqu l-kundizzjonijiet ideali biex jitkabbar dan il-prodott: l-istudji li saru juru li huwa essenzjali li r-"Radicchio di Chioggia" jiġi protett minn stress dovut għal firxiet kbar fit-temperatura u għal varjazzjonijiet konsiderevoli fil-livelli tal-umdità fil-ħamrija, u li l-kultivazzjoni li ssir fi kwalunkwe ambjent ieħor twassal għal fenomeni ta' fjoritura prekoċi li jilħqu sa 50/60 % tal-pjanti, b'telf kbir fil-produzzjoni u bi tnaqqis qawwi fil-kulur tar-ras.

Il-prodott huwa differenti minn radicchi oħra minħabba li l-kontenut ta' proteini tal-pjanta niexfa jvarja minn 1,0 % għal 1,4 % u fih livelli għoljin ta' potassju, fosfru u kalċju, filwaqt li għandu valur kalorifiku baxx, u b'hekk huwa l-għażla preferuta mil-lat tad-dieta.

L-evidenza ta' tkabbir tal-ħxejjex fiż-żona ta' Chioggia tmur lura għall-1700, kif juru l-mapep tal-"Villa Episcopale" u l-istatistika miġbura minn Alessandro Ottolini dwar l-iskejjel tal-"Podestà di Chiazza" (dik li llum hija Chioggia), fejn l-iskola ta' "S. Giovanni di Ortolani", b'544 student, kienet tiġi t-tieni biss wara l-aktar waħda rinomata tas-sajjieda.

Fl-edizzjoni ta' Marzu 1923 tar-rivista ta' kull xahar maħruġa mill-"Istituto Federale di Credito per il Risorgimento delle Venezie", u li ġiet ippubblikata fl-istess sena mill-"Premiate Officine Grafiche Ferrari", ir-radicchio ġie inkluż ma' ħxejjex oħra bħala prodott tar-raba'. Din l-aħbar hi kkonfermata fil-pubblikazzjoni ta' Pagani-Galimberti (1929) "Cenni di economia orticola", fejn jiġi deskritt il-metodu tal-kultivazzjoni tar-radicchio, fir-raba' madwar il-laguna maħluqa minn żoni mrammla miksuba mill-baħar.

Il-ħolqien ta' suq kbir ta' frott u ħxejjex qrib iż-żona tal-produzzjoni pprovda s-soluzzjoni għall-problemi marbuta mal-kummerċjalizzazzjoni u mad-distribuzzjoni tal-prodott, li għalihom diġà mill-1860 kienet qed tintuża l-linja ferrovjara ta' Verona-Chioggia.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni tal-prodott**

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

It-test ikkonsolidat tal-Ispeċifikazzjoni tal-prodott jista' jiġi kkonsultat fuq is-sit web li ġej: http://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/3335"

Jew inkella

billi żżur direttament il-paġna ewlenija tal-Ministeru tal-Politika Agrikola, Alimentari u Forestali (www.politicheagricole.it) u tagħfas fuq "Qualità" (fin-naħa ta' fuq fil-lemin tal-iskrin), u wara fuq "Prodotti DOP IGP STG" (fil-ġenb, fuq in-naħa tax-xellug tal-iskrin) u fl-aħħar tagħfas fuq "Disciplinari di Produzione all'esame dell'UE".

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT